MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 214/2009

***Bay Street Holdings Limited***

***Versus***

***Calamari Limited* u Walter Zammit Cachia u martu Nadia Joan Zammit għal kull interess li jista' jkollha**

1. Din hija azzjoni *pauliana*. Il-fatti li wasslu għall-kawża seħħew hekk:

2. Is-soċjetà attriċi nqdiet bil-proċedura taħt l-art. 253(*e*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili biex b'ittra uffiċjali tal-15 ta' Marzu 2006, notifikata fl-1 ta' Awissu 2006, kisbet titolu esekuttiv għall-ħlas ta' sebat elef, mija u erbgħa u tletin lira u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm7,134.54) – daqs sittax-il elf, sitt mija u dsatax-il euro (€16,619) – valur ta' kambjalijiet aċċettati mill-konvenuti Walter Zammit Cachia u Nadia Joan Zammit ("il-konvenuti debituri"). Għalkemm imsejħa biex iħallsu, il-konvenuti debituri baqgħu ma ħallsux u għalhekk

is-soċjetà attriċi kisbet il-ħruġ ta' mandati esekuttivi kontriehom, iżda d-dejn xorta baqa' ma tħallasx.

3. Għalkemm il-konvenuti debituri ma jidhirx li għandhom proprjetà fuq isimhom, is-soċjetà attriċi saret taf illi l-konvenut Walter Zammit Cachia ("il-konvenut Zammit Cachia") kien wiret sehem wieħed mhux maqsum minn tnax ($^{1}/12$) tan-nuda proprjetà ta' appartament f'tas-Sliema. L-istqarrija relativa għal din it-trasmissjoni *causa mortis* ta' proprjetà ġiet pubblikata fis-17 ta' Ġunju 2008 fl-atti tan-Nutar Marco Farrugia. Ftit wara, fit-13 ta' Awissu 2008, il-konvenut Zammit Cachia ta dan is-sehem b'titolu ta' donazzjoni lis-soċjetà konvenuta *Calamari Limited* ("is-soċjetà konvenuta") bis-saħħa ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Patrick Cretien. L-ishma fis-soċjetà konvenuta huma ta' ċertu Mark Zammit, bin il-konvenuti debituri.

4. Billi dehrilha li din id-donazzjoni saret b'qerq, għax kompliet naqqset il-patrimonju tal-konvenuti debituri, bi ħsara għall-jeddijiet tagħha, is-soċjetà attriċi fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti:

i. tgħid illi l-att ta' donazzjoni tat-13 ta' Awissu 2008 sar b'qerq tal-jeddijiet tas-soċjetà attriċi;

ii. tgħid għalhekk illi dak l-att ta' donazzjoni huwa "null u bla effett";

iii. tordna li l-att jiġi rexiss għal dak kollu li tgħid u trid il-liġi; u

iv. taħtar nutar biex jippubblika l-att ta' rexissjoni u taħtar ukoll kuraturi biex jidhru f'isem min ma jersaqx għall-pubblikazzjoni tal-att.

5. Qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż.

6. Il-konvenuti, għalkemm notifikati bl-atti tal-kawża u bl-avvviż tas-smigħ, ma ressqux eċċezzjonijiet u ma dehrux għas-smigħ tal-kawża, u lanqas ma nqdew bis-setgħa li ngħatatilhom, kif igħid u jrid l-art. 158(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, biex jagħmlu sottomissjonijiet bil-miktub.

7. L-azzjoni tallum hija *actio pauliana* u, billi l-att attakkat huwa wieħed b'titolu gratuwitu, hija meħtieġa il-prova tal-*consilium fraudis* min-naħa tad-debitur biss, barra l-prova tal-*eventus damni*.

8. Fil-każ tallum ma tressqitx l-eċċezzjoni tal-benefiċċju tal-eskussjoni, u għalhekk ma saritx il-prova li d-debitur għandu assi biżżejjed mnejn iħallas id-dejn minkejja d-

donazzjoni; anzi, il-provi juru illi l-konvenuti debituri ma għandhomx mnejn iħallsu d-dejn. Din hija prova biżżejjed tal-*eventus damni*.

9. Dwar il-*consilium fraudis* min-naħa tad-debitur, *res ipsa loquitur*: il-fatt illi l-konvenuti debituri neħħew, bla ma ħadu xejn tagħha, u wara li kien ġà nħoloq id-dejn, proprjetà li biha setgħu jħallsu dan id-dejn, jew għall-inqas parti minnu, biex issa spiċċaw ma jistgħu jħallsu xejn, huwa prova biżżejjed tal-qerq bi ħsara għall-jeddijiet tal-kreditur.

10. L-azzjoni tas-soċjetà attriċi għalhekk għandha tirnexxi u l-att ta' donazzjoni għandu jiġi dikjarat li ma jiswiex quddiem l-istess soċjetà attriċi. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hekk taqta' l-kawża:

i. tgħid illi l-att ta' donazzjoni tat-13 ta' Awissu 2008 fl-atti tan-Nutar Patrick Cretien li bis-saħħa tiegħu l-konvenut Zammit Cachia ta b'titolu ta' donazzjoni lis-soċjetà konvenuta sehem wieħed mhux maqsum minn tnax ($^1/12$) tan-nuda proprjetà tal-appartament numru wieħed (1) fil-korp numru mija u tnejn u disgħin (192) fi Triq it-Torri, tas-Sliema, sar b'qerq tal-jeddijiet tas-soċjetà attriċi;

ii. tgħid illi l-istess kuntratt ma jiswiex quddiem is-soċjetà attriċi u fl-interess tagħha;

iii. tordna l-pubblikazzjoni ta' att li jgħid illi l-att ta' donazzjoni tat-13 ta' Awissu 2008 fl-atti tan-Nutar Patrick Cretien ma jiswiex quddiem is-soċjetà attriċi u fl-interess tagħha;

iv. taħtar lin-Nutar Patrick Cretien sabiex jirċievi u jippubblika l-att relativ, u taħtar lill-Avukat Joseph Zammit sabiex jidher f'isem dawk mill-partijiet li jonqsu milli jidhru għall-pubblikazzjoni tal-att.

v. tikkundanna lill konvenut Zammit Cachia iħallas l-ispejjeż kollha, kemm dawk ġudizzjarji u kemm dawk relativi għall-pubblikazzjoni tal-att, flimkien mat-taxxa fuq il-valur miżjud.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------